# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors maħluf numru 224/2016/2 MCH**

***Union Ħaddiema Magħqudin* f'isem Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa u Sharon Grima, u l-istess Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa u Sharon Grima**

***v*.**

**Kummissarju tat-Taxxi, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 2019 li, wara li ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju għax mhux kontradittur leġittimu, ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal rimedju għad-danni li jġħidu li ġarrbu b'konseg-wenza tat-tħassir ta' proċess ta' għażla għal ħatriet fl-uffiċċju tal-

Kummissarju tat-Taxxi ["il-Kummissarju"] li l-atturi jgħidu li ma kellux jitħassar. Il-fatti li wasslu għall-kawża huma dawn:

2. Fit-12 ta' Mejju 2015 saret sejħa mill-Kummissarju għal applikazzjonijiet għall-ħatra ta' *debt collector* fid-Dipartiment tat-Taxxi. Is-sejħa kienet miftuħa għal uffiċjali fis-servizz ċivili u "*public officers in the Malta Public Service who are on secondment/on loan with/deployed with/on attachment to public sector organisations may also apply*". L-atturi applikaw u kienu intervistati minn bord ta' għażla magħmul minn tliet uffiċjali pubbliċi mid-Dipartiment tat-Taxxi. Fit-3 ta' Settembru 2015 ġew pubblikati r-riżultati, u l-atturi kienu fost dawk magħżula għall-ħatra bħala *debt collectors.*

3. Ġara iżda illi fit-12 ta' Novembru 2015 ir-riżultati tħassru għax, fil-fehma tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ["il-Kummissjoni"], "il-proċeduri stabbiliti fit-twaqqif tal-bord tal-għazla ma ġewx osservati" u nħatar bord ta' għażla ġdid biex jerġa' jiġi intervistat kulmin kien applika. L-intervisti iżda ma reġgħux saru għax fuq talba tal-atturi fit-3 ta' Marzu 2016 kien inħareġ mandat kawtelatorju.

4. L-atturi jgħidu illi ma huwiex minnu li l-bord ta' għażla ma kienx imwaqqaf sew, għax kien imwaqqaf kif igħid u jrid ir-reg. 14(3) tar-Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku ["L.S. Kost.01"] kif sostitwit bl-Avviż Legali numru 246 tal-2012. Ir-reg. 14(3) igħid hekk:

> »14. (3) Meta jkunu qegħdin jiġu ikkunsidrati rakkomandazzjonijiet għall-ħatra jew il-promozzjoni ta' xi uffiċjal fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni tista' –
>
> »(a) tikkonsulta lil kull min ikun jidhirilha; u

»(b) tieħu l-parir ta’ *board* ta’ għażla mwaqqaf mill-kap ta’ dipartiment, li jista’ jaħtar fih uffiċjali pubbliċi idoneji u kompetenti u, jew persuni elenkati fil-*panel* tal-ministeru rilevanti:

»Iżda l-*board* ta’ għażla għandu jkun jinkludi tal-inqas persuna waħda li tkun uffiċjal pubbliku li għadu jokkupa dik il-kariga.«

5. Għalhekk, billi huma tal-fehma li l-ħatra tagħhom kienet tiswa, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu ill l-qorti:

»1. tiddikjara illi l-bord kif kompost fl-ewwel istanza kien kompost skont id-disposizzjonijiet u regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku;

»2. tiddikjara illi r-riżultati ppubblikati nhar it-3 ta' Settembru 2015 huma validi skont il-liġi u għandhom ikunu applikabbli u ma kien hemm ebda raġuni valida għat-tħassir tiegħu [*recte*, tagħhom];

»3. tordna għalhekk ir-rintegrrazzjoni tar-riżultati ppublikati nhar it-3 ta’ Settembru 2015;

»4. tiddikjara konsegwentament nulli u bla effett il-proċeduri kollha li setgħu nbdew mill-bord ta’ għażla ġdid sabiex jisma’ l-applikanti mill-ġdid;

»5. tiddikjara illi, bl-aġir illegali u abużiv tagħhom, l-intimati ikkawżaw u għadhom qed jikkawżaw danni inġenti lir-rikorrenti, inkluż telf ta’ qligħ u *seniority*;

»6. tiddikjara lill-intimati responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

»7. tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk attwali konsistenti f’telf ta’ introjtu u qligħ u kif ukoll dawk futuri;

»8. tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom sabiex iħallas d-danni hekk likwidati;

»9. tikkonferma l-fuq msemmi mandat ta’ inibizzjoni numru 147 /2016.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»L-atturi kif rappreżentati mill-*union* qed jilmentaw li wara li ġew pubblikati r-riżultati għal posizzjoni ta’ debt *collectors* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi fit-3 ta’ Settembru 2015, fejn l-atturi kienu fost dawk li kienu fost l-ewwel magħżula fl-istess lista, fit-12 ta’ Novembru 2015 il-*Public Service Commission* ħassar ir-riżultati u nħatar bord ġdid biex jerġgħu jsiru l-intervisti. Ir-raġuni li ngħatat kienet li l-proċeduri stabbiliti fit-twaqqif tal-bord tal-għażla ma kinux segwiti.

»Il-fatti li rriżultaw mill-atti kienu s-segwenti. Fit-12 ta’ Mejju 2015 ħarġet sejħa għal posizzjoni ta’ *debt collectors* fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi. L-ingaġġ tal-persuna/i magħżula kien għal żmien definit ta’ tliet snin bi perjodu ta’

prova ta' sena. Hemm ukoll is-salarju applikabbli. Is-sejħa kienet taħseb ukoll għal intervista minn *selection board* biex jiġi determinat humiex addattati għall-posizzjoni.

»Il-Kummissarju tat-Taxxi fix-xiehda tiegħu qal li d-dipartiment kellu l-ħtieġa ta' aktar *debt collectors* x'aktarx disgħa u, wara li s-Segretarju Permanenti ta l-approvazzjoni tiegħu, inħarġet is-sejħa. Fil-11 ta' Ġunju 2015 l-*PSC* ġiet informata bil-kompozizzjoni tas-*selection board*. Fit-18 ta' Ġunju l-*PSC* bagħtet konferma li nnotat l-kompos-izzjoni tal-bord u approvat il-kriterji li fuqhom kellhom jiġu mwieżna l-kandidati.

»Jidher li l-intervisti saru f'Awwissu 2015, ir-riżultati ntbagħtu lill-*PSC* bil-lista tal-kandidati u l-marki rispettivi tagħhom fejn jirriżulta li l-atturi kienu fost l-ewwel disgħa li marru l-aħjar u fit-3 ta' Settembru 2015 il-*PSC* approvat ir-rapport tas-*selection board* biex jiġi pubblikat u fejn persuni li jħossu li għandhom xi lment mir-riżultat kellhom għaxart ijiem biex jappellaw minnu. Għalhekk il-Kummissjoni kienet ser tistenna dan il-perjodu jgħaddi qabel ma tawtorizza li jsiru l-ħatriet wara li tirċievi r-rakkomandazzjoni formali tal-Kap tad-Dipartiment u n-numru ta' vakanzi hu verifikat mil-*PAHRO*[1].

»Jidher mil-provi li kien hemm terz, mhux parti f'din il-kawża, li għamel ilment fil-perjodu stabbilit kontra r-riżultat tal-intervisti. Fil-proċess u d-dokument esebiti ma jidhirx x'wassal għal *e-mail* li ntbagħtet mil-*PSC* fis-26 ta' Settembru 2015 fejn inġibdet l-attenzjoni tal-*Principal Permanent Secretary* għal laqgħa tal-25 ta' Lulju 2013 rigward il-formazzjoni ta' *standing selection panels* fil-ministeri fejn kellhom jinħatru uffiċjali pubbliċi rtirati u membri tal-pubbliku minn fost lista provduta lill-ministru. Żied li tali prattika ġiet inkluża fil-*Manual on the Selection and Appointment Process under Delegated Authority*. Iżid li din il-prattika ma kinitx qed tiġi segwita mill-ministeri kollha inkluż il-proċess in kwistjoni fejn is-*selection board* kien magħmul minn tliet uffiċjali pubbliċi bl-ebda membru magħżul minn *standing selection panel*. Intalbet ir-reazzjoni tal-*Principal Permanent Secretary* fuq din il-kwistjoni qabel tieħu miżuri oħra.

»Il-*Principal Permanent secretary* infurmat lill-*PSC* li l-arranġament kien ġie mibgħut diversi drabi lill-ministeri kollha.

»Fit-2 ta' Ottubru 2015 intbagħtet *e-mail* lill-Ministeru tal-Finanzi rigward ir-rakkomandazzjoni tal-ministeru tal-24 ta' Awwissu 2015 biex jiġu maħtura l-ewwel tmien applikanti li għaddew mil-intervista għal *debt collectors*. Innotat illi s-*selection board* kien magħmul minn uffiċjali pubbliċi avolja l-prattika kienet li jiġu appuntati minn *standing selection panel* li dwarha l-ministeri kollha kienu infurmati u li l-lista ta' membri intirati biex iservu fuq is-*selection panels* kienet ġiet miżjuda biex tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-ministeri kollha. Intalbu l-kummenti tal-ministeri qabel jittieħdu passi ulterjuri.

»Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi irrisponda fit-28 ta' Ottubru 2015 fejn informa lill-*PSC* li l-membri appuntati fis-*selection board* mertu tas-sejħa kienu maħtura minħabba n-natura speċifika u teknika tal-posizzjoni. Imma ġie nnotat li l-prattika msemmija mill-*PSC* ġiet injorata f'dan il-każ u s-Segretarju Permanenti asuma r-respons-abiltà għall-akkadut.

---

1 *Public Administration Human Resources Office*.

»Għalkemm fil-proċess ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-*PSC*, jidher li l-proċess kollu ġie annullat mil-istess *PSC* f'xi żmien f'Novembru 2015 biex isiru l-intervisti minn bord ġdid.

»Jidher li l-proċess waqaf kollu minħabba mandat ta' inibizzjoni mressaq mil-atturi u milqugħ mill-qorti li wassal għall-kawża.

»Kunsiderazzjonijiet legali

»Magħrufa l-fatti saljenti jmiss li l-fatti jitqiegħdu fil-perspettiva tal-azzjoni attriċi. Jibda biex jingħad illi l-atturi b'nota tal-11 ta' Mejju 2016 isostnu li l-bażi legali għall-azzjoni hi r-relazzjoni kontrattwali ta' impieg li teżisti bejn il-partijiet skont il-ftehim kollettiv u liġijiet pertinenti u l-bażi legali tal-azzjoni hi r-relazzjoni kontrattwali li setgħet inħolqot meta l-atturi ikkonkorrew għal posizzjoni ta' *debt collectors* skont iċ-ċirkolari 4/2015, u wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati fit-3 ta' Settembru 2015 l-atturi kellhom *legitimate expectation* li kienu ser jiġu appuntati *debt collectors*.

»Kif inhu stabbilit mill-ġurisprudenza b'mod kostanti hu l-att promotor kif intavolat bil-premessi u talbiet li jiffurmaw il-parametri li fihom il-qorti għandha teżerċita l-ġudizzju tagħha u tiddetermina l-kompetenza tagħha (ara Miriam Abela *v.* Julia Vella *et*, App. 31/01/2019 fost għexirien ta' sentenzi oħra fl-istess sens). Ma' dan il-prinċipju stabbilit hemm korollarju ieħor *cioè* li l-ġudikant ma għandux jokkupa ruħu minn kwistjonijiet mhux imqajma jew mitluba bl-eċċezzjoni ta' dawk ta' natura proċedurali jew *ex officio* (ara Joseph Attard *v.* Silvio Debono *noe*, App. 31/05/2019).

»Il-konvenuti f'waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa minnhom jitolbu li l-atturi jridu jiċċaraw in-natura tal-azzjoni. L-atturi rabtu l-azzjoni tagħhom ma' relazzjoni kontrattwali li setgħet inħolqot meta resqu għall-intervisti wara s-sejħa, u l-aspettativa leġittima li jingħataw il-ħatra wara li ġew pubblikati r-riżultati fit-3 ta' Settembru 2015. Għalkemm iżidu li l-azzjoni hi wkoll bażata fuq ir-rapport kontrattwali tal-impieg li ġà għandhom permezz tal-ftehim kollettiv u liġijiet pertinenti, din il-qorti tqis li din l-aħħar sottomissjoni ma fiha ebda relevanza għall-kwistjoni billi l-impieg tagħhom mhux qed jiġi sindikat kif mhux qed jiġi sindikat il-pozizzjoni li kellhom qabel u wara li resqu għall-intervisti in segwitu għas-sejħa.

»Stabbilita n-natura tal-azzjoni attriċi, l-atturi qed isostnu żewġ affarijiet *cioè* li seta' nħoloq kuntratt meta resqu għall-intervisti u *di più* kellhom aspettattiva leġittima li jieħdu l-ħatra meta ħarġu r-riżultati tal-intervisti.

»Qabel jiġi indirizzat jekk l-ilment tal-atturi fihx mis-sewwa l-qorti tagħmel referenza għal każ simili però b'talbiet imsejsa fuq l-artikolu 469 tal-Kap. 12 fejn il-qorti tal-prim istanza f'dak il-kaz (Dr Daniel Grixti Soler *et v.* Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *et*, App. 12/02/2016) qalet hekk:

> »"Illi l-atturi jorbtu l-imsemmija lmenti tagħhom mar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [A.L. 32 tal-1960 (kif emendat) (L.S. Kost. 01)] u kemm hu hekk l-imsemmija lmenti jinġabru fil-qofol kollu tagħhom fit-tielet talba attriċi li trid li l-KSP titqies li mxiet bi ksur tal-istess Regolamenti;
>
> »"Illi l-imsemmija Regolamenti jħarsu l-imġieba, il-proċeduri mnedija u s-setgħat tal-KSP u, fejn ikun il-każ, ta' dawk il-persuni

jew korpi minnha delegati. Fis-sewwa huma ġabra ta' disposizzjonijiet b'saħħa ta' liġi li jridu jinqraw mas-setgħat u funzjonijiet tal-KSP kif imfissra fil-Kapitolu X (artt. 109 sa 115) u l-artikolu 121(1) tal-Kostituzzjoni u jitqiesu ħaġa waħda magħhom;

»"Illi għal dak li jirrigwarda l-ħatriet u promozzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi għal postijiet fis-servizz pubbliku, l-imsemmija Regolamenti jagħtu lill-KSP firxa ta' setgħat biex bihom iħarsu l-proċessi ta' għażla għal uffiċjali bħal dawn jew persuni li, bħall-atturi fil-kawża tallum, iridu jidħlu fis-servizz pubbliku. Waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti u li l-qorti jidhrilha li tgħodd ħafna għall-każ li għandha quddiemha tgħid li: "Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bħala rimedju, inkluż: (i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-għażla; (ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni susseg-wenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi; (iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla; (iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2), u (v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi (reg. 17(e) tal-A.L. 32 tal-1960);

»"… … …

»"Illi minn qari tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti l-qorti tislet il-fehmiet li ġejjin. Fl-ewwel lok, il-KSP għandha diskrezzjoni jekk tagħżilx li tieħu xi waħda mill-miżuri msemmija fir-Regolamenti jew f'liema grad. Fit-tieni lok, it-tħassir ta' riżultat ippubblikat jew it-twaqqif jew it-tħassir ta' proċess ta' għażla huma fost il-miżuri li r-Regolamenti jagħtu lill-KSP s-setgħa li tordna jew tieħu u dan tista' tagħmlu minn jeddha bla ma jkollha xi lment formali minn xi ħadd jew f'xi żmien partikolari. Fit-tielet lok, ir-raġunijiet stabiliti mir-Regolamenti li minħabba fihom jew minħabba xi waħda minnhom tista' tieħu l-imsemmija miżuri, huma (a) il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-istess Regolamenti, jew (b) il-ksur ta' direttivi jew linji gwida dwar is-settur jew (ċ) il-ksur tal-prinċipju tal-mertu. Fir-raba' lok, il-miżuri msemmija fir-regolament 17(*e*) u li l-KSP tista' tieħu ma humiex tassattivi u l-KSP tista' tagħżel li tieħu miżuri oħrajn (minħabba f'hekk li r-regolament juża l-kelma "inkluż"). Fil-ħames lok, jidher ċar li hemm distinzjoni fir-Regolamenti nfushom bejn l-istadju tal-proċess ta' għażla meta jinħareġ ir-riżultat u l-istadju fejn il-persuna magħżula tingħata l-ħatra: li kieku ma kienx hekk, id-disposizzjonijiet tar-regolament 17 u dawk tar-regolament 23 kienu jkunu jitkellmu dwar l-istess ħaġa, li jidher ċar li mhuwiex il-każ (ara wkoll *Public Service Management Code* § 1.1.10.1 u 2). Għalhekk, fis-sitt lok, il-fatt li applikant ikun ġab riżultat tajjeb jew pożittiv meta jinħareġ ir-riżultat pubblikat ma jissarrafx awtomatikament fl-għoti tal-ħatra ta' uffiċjal pubbliku, u wisq anqas fl-għoti tal-ħatra b'seħħ minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi riżultat."

»Fl-appell il-qorti għamlitha ċara li:

»"Din id-distinzjoni bejn iż-żewġ stadji toħroġ mir-Regolamenti stess, in kwantu regolament (ċitat fis-sentenza appellata) numru 17(*e*) jagħti *espressis verbis* il-fakoltà lill-KSP sabiex din tannulla

> riżultat tal-għażla, filwaqt li r-regolament numru 23(2) jikkontempla l-każijiet fejn il-KSP tista' tirrakkomanda r-revoka ta' ħatra. *Inoltre*, l-istess regolament 17 fil-paragrafi (iii) u (iv) jagħmel din id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ stadji tal-proċess: l-ewwel stadju huwa dak ta' qabel il-ħatra iżda wara l-ħruġ tar-riżultat tal-għażla, filwaqt li t-tieni stadju huwa dak ta' wara l-ħatra. Għall-ewwel huwa applikabbli l-paragrafu (iii) filwaqt li għat-tieni huma applikabbli l-paragrafu (iv) tal-istess regolament kif ukoll ir-regolament numru 23(2) ċitat mill-konvenuti."

»*Inoltre* żiedet hekk:

> »"Dan kollu juri li għal kuntrarju ta' dak sottomess mill-atturi, il-pubblikazzjoni tar-riżultati u l-ħatra tat-tobba magħżulin huma żewġ stadji differenti tal-istess proċess li jintemm jew bil-ħatra jew bl-applikazzjoni tar-regolament 17(*e*)(iii). Il-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-gradwatorja ma jagħtix jedd awtomatiku għall-ħatra ta' *general practioner trainees*, wisq inqas joħloq xi rabta kważi-kuntrattwali bejn l-atturi u l-konvenuti kif qegħdin jippretendu l-atturi. Tassew li post għoli fil-gradwatorja jista' jkun indikattiv ta' ħatra eventwali, iżda għandu jkun ċar li ma jfissirx li awtomatikament wieħed ikun ingħata l-ħatra ta' uffiċjal pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat."

»Dawn is-siltiet jirrispondu għall-ilment tal-atturi. Huma mhumiex jattakkaw id-deċiżjoni tal-*PSC* fuq il-fondatezza legali tagħha fl-ambitu amministrattiv iżda qed isostnu li s-sejħa kienet xi forma ta' relazzjoni pre-kontrattwali mid-dipartiment li ħareġ is-sejħa. Dan ma jsib ebda sostenn fil-liġi u lanqas fis-sejħa stess fejn ma hemm imniżżel ebda obbligu li [*recte*, fuq] l-Kummissarju tat-Taxxi li l-applikanti li jikklassifikaw tajjeb bilfors kienu ser jidħlu f'kuntratt mad-dipartiment. Sejħa hu invit għal parteċipazzjoni f'eżami jew intervista u l-fatt li ssir sejħa ma jagħti ebda dritt lil parti ħlief dak li joħroġ mis-sejħa *cioè* l-eliġibilità tiegħu li jersaq għall-eżami jew intervista. Anki jekk jissottometti ruħu għall-intervista ma tinbitx xi relazzjoni kontrattwali jew pre-kontrattwali mad-dipartiment. Ir-relazzjoni kontrattwali li teżisti hu l-impieg jew posizzjoni li ġà għandu l-applikant li jirrendih eliġibbli (flimkien ma' kondizzjonijiet oħra) li bl-ebda mod ma hu mittiefes mill-intervista wara s-sejħa. Din mhix xi relazzjoni kummerċjali fejn awtorità toħroġ sejħa għal *tenders* b'kondizzjonijiet fosthom l-għoti ta' garanzija kif kienet il-kwistjoni fil-kawża Dr Peter Fenech *noe v.* Dipartiment tal-Kuntratti (App. 29/04/2016) fejn ġie stabbilit il-kunċett ta' danni pre-kontrattwali minħabba n-natura li nibtet bl-espressjoni ta' interess jew talba għal offerti, u li parti ma setgħetx tinjora l-offerta jekk mhux għal raġuni valida u b'hekk ġie krejat obligazzjoni taċita bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni hawn hi diffrerenti. Il-każ quddiem il-qorti mhix waħda tendenti għal relazzjoni kummerċjali li setgħet nibtet kif kien il-każ Ġermaniż ta' *Linoleumfall* (1911) li fuqu straħet is-sentenza fuq ċitata iżda waħda fl-ambitu ta' impjieg fl-amministrazzjoni pubblika, fejn ma hemmx relazzjoni ta' negozjar ta' kuntratt u obbligazzjonijiet reċiproċi f'dak l-istadju.

»Bl-istess mod għalkemm l-atturi jgħidu li r-riżultat tal-intervista ta aspettativa lill-atturi li jistgħu jiġu maħtura fil-posizzjoni li għaliha applikaw, għandu jingħad li din l-aspettativa kienet waħda prematura u indefinita billi hemm it-terminu tal-appell u r-riżultat tal-eżami ma hux garanzija tal-ħatra għax il-proċess u/jew ir-riżultat jista' jiġi attakkat u *di*

> *più* kif intqal aktar 'il fuq il-*PSC* għandha dritt li twaqqaf u tħassar il-proċess għal raġunijiet li l-istess liġi ssemmi.
>
> »Għalkemm l-atturi fil-ħdax u tnax-il premessa tagħhom jatttakkaw ir-raġuni għaliex il-*PSC* ħassret il-proċess, dan iwassal għal azzjoni dwar nuqqas f'għemil amministrattiv li però mhix l-iskop ta' din il-kawża billi l-atturi għamluha ċara illi l-bażi tal-azzjoni hi waħda fl-isfera kontrattwali. Ilmenti u azzjonijiet kontra awtoritajiet governattivi marbuta mar-responsabiltajiet tagħhom dejjem tqiesu bħala għemil amministrattiv mhux għemil kontrattwali jew delittwali (ara *Ragonesi & Company Limited pen v. Korporazzjoni Enemalta et*, App. 24/11/2017 bħala eżempju minn diversi). Billi fil-fehma tal-qorti din it-triq magħżula ma għandhiex mis-sewwa, ma hemmx raġuni għaliex din il-qorti għandha tidħol fil-mertu tad-deċiżjoni tal-*PSC* billi mhix pertinenti għan-natura tal-azzjoni mressqa u d-danni mitluba konsegwenza tan-nuqqas kontrattwali jew pre-kontrattwali tal-konvenuti.
>
> »Għall-kompletezza l-qorti tqis li l-konvenuti għandhom raġun li l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kontradittur billi t-talba attriċi u r-rimedji huma indirizzati fil-konfront tad-dipartiment governattiv *cioè* l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ħareġ is-sejha u l-*PSC* li wkoll kien ċitat fil-mertu tal-azzjoni (art. 181B Kap. 12).
>
> »*Decide*
>
> »Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali li mhux leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni u tiċħad it-talbiet attriċi għax infondati fil-liġi. Spejjeż għall-atturi.«

7. L-atturi appellaw b'rikors tat-12 ta' Novembru 2019 li għalih il-konvenuti wieġbu fil-21 ta' Novembru 2019.

8. L-ewwel aggravju jrid in-nullità tas-sentenza għax ma tatx deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuti ħlief l-Avukat Ġenerali.

9. Jingħad, qabel xejn, illi jekk ma tqisitx eċċezzjoni mressqa minn konvenut, il-parti aggravata tkun dak il-konvenut u mhux l-attur li, anzi, ikun vantaġġjat b'dan in-nuqqas u għalhekk ma jkollu ebda interess li jinvokah.

10. Imbagħad, fil-każ tallum l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni illi t-talbiet tal-atturi ma setgħux jintlaqgħu għax "it-triq magħżula ma għandhiex mis-sewwa". Biex waslet għal din il-konklużjoni l-ewwel

qorti qieset biss it-talbiet kif magħmula u għalhekk, ladarba kienet tal-fehma illi l-atturi mexxew b'azzjoni li ma tgħoddx għall-każ, ma ħtiġil-hiex tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

11. Il-liġi ma toħloq ebda obbligu li fis-sentenza l-qorti tagħti deċiżjoni dwar kull eċċezzjoni; kulma trid hu li ċerti eċċezzjonijiet imsemmija fl-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "jiġu deċiżi b'kapi għalihom", dejjem, naturalment, jekk tkun meħtieġa deċiżjoni dwarhom għax jekk il-kawża tista' tinqata' billi t-talbiet jiġu miċħuda mingħajr referenza għal dawk l-eċċezzjonijiet, lanqas dwar dawk l-eċċezzjonijiet ma tkun meħtieġa deċiżjoni, aktar u aktar jekk l-eċċezzjonijiet ma jkunux fost dawk imsemmija fl-art. 730.

12. Din l-eċċezzjoni ta' nullità tas-sentenza hija għalhekk miċħuda.

13. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti "iddikjarat illi l-posizzjoni meħuda mill-atturi (*cioè* li s-sejħa kienet xi forma ta' relazzjoni pre-kontrattwali mid-dipartiment li ħareġ is-sejħa) 'ma ssib ebda sostenn fil-liġi u lanqas fis-sejħa stess fejn ma hemm mniżżel ebda obbligu li l-Kummissarju tat-Taxxi li l-applikanti li jikklassifikaw tajjeb bilfors kienu ser jidħlu f'kuntratt mad-dipartiment'". L-atturi jkomplu jgħidu illi l-ewwel qorti:

> »… … … kienet żbaljata meta kkonkludiet – liema konklużjoni mbagħad wasslitha sabiex tasal għal deċiżjonijiet oħra żbaljati, inkluż illi ma tilqax it-talbiet attrici – illi sejħa għal promozzjoni ma tifformax relazzjoni pre-kontrattwali bejn minn ħariġha u min applika għal dik il-promozzjoni … … … meta fil-fatt … … … għandu jkun paċifiku illi l-offerta għall-applikazzjonijiet, u aktar u aktar meta hemm il-konkorr-enza tal-impjegat, tkun dik fiha inniffisha ħolqot relazzjoni kontrattwali li, għal raġunijiet erronji, l-ewwel onorabbli qorti skartat għal kollox u waslet biex ikkonkludiet illi l-kawża kif proposta ma kinitx sostenibbli.

> »Jiġi għalhekk umilment sottomess illi *una volta*, mas-sejħa għall-applikazzjonijiet, inħoloq kuntratt, huwa paċifiku jingħad illi dak il-kuntratt irid jiġi esegwit *in bona fede* u skond ir-regolamenti. Hawnekk fejn l-atturi jallegaw nuqqas da parti tal-konvenuti. Dan in-nuqqas kontrattwali l-ewwel onorabbli qorti skartat għal kollox.
>
> »… … …
>
> »Għaliex il-pern tal-azzjoni attriċi kienet u tibqa' jekk kellux jiġi annullat il-proċess tal-għażla li poġġa lir-rikorrenti mal-ewwel tmienja u allura f'posizzjoni illi jimlew il-postijiet vakanti li applikaw ghalih jew le. Il-bqija mbagħad jsegwi.«

14. Ikomplu mbagħad billi jagħtu raġunijiet għala fil-fehma tagħhom l-ewwel proċess ta' għażla kien tajjeb u għala d-deċiżjoni li jitwarrab għandha titħassar.

15. Li qalet l-ewwel qorti hu illi fl-istadju li fih waslu l-affarijiet, meta lill-atturi kienet għadha ma ngħatax il-ħatra, ma kien hemm ebda obbligu fuq il-Kummissarju li jaħtarhom, irrispettivament x'riżultat kienu kisbu fl-intervista. Għalhekk, qalet l-ewwel qorti, flok isejsu l-azzjoni tagħhom fuq premessa ta' eżistenza ta' kuntratt jew pre-kuntratt, l-atturi kien imisshom fittxew li jimpunjaw id-deċiżjoni amministrativa li jitħassar ir-riżultat tal-intervista:

> »[L-atturi] mhumiex jattakkaw id-deċiżjoni tal-*PSC* fuq il-fondatezza legali tagħha fl-ambitu amministrattiv iżda qed isostnu li s-sejħa kienet xi forma ta' relazzjoni pre-kontrattwali mid-dipartiment li ħareġ is-sejħa. Dan ma jsib ebda sostenn fil-liġi u lanqas fis-sejħa stess fejn ma hemm imniżżel ebda obbligu li [*recte*, fuq] l-Kummissarju tat-Taxxi li l-applikanti li jikklassifikaw tajjeb bilfors kienu ser jidħlu f'kuntratt mad-dipartiment.
>
> »… … …
>
> »… … … dan iwassal għal azzjoni dwar nuqqas f'għemil amministrattiv li però mhix l-iskop ta' din il-kawża billi l-atturi għamluha ċara illi l-bażi tal-azzjoni hi waħda fl-isfera kontrattwali. Ilmenti u azzjonijiet kontra awtoritajiet governattivi marbuta mar-responsabiltajiet tagħhom dejjem tqiesu bħala għemil amministrattiv mhux għemil kontrattwali jew delittwali «

16. Dak li qalet l-ewwel qorti huwa minnu. Tassew illi, jekk l-atturi tassew sejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li nħolqot rabta kuntrattwali, jew għall-inqas rabta pre-kuntrattwali, bejnhom u l-Kummissarju li jinħatru jekk jiġu minn ta' quddiem fl-intervista, l-azzjoni bilfors tfalli jekk ma jintweriex li hemm dik ir-rabta.

17. L-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li dik kienet tassew il-premessa tal-azzjoni fuq dak li stqarrew l-atturi fin-nota tagħhom tal-11 ta' Mejju 2016. Imbagħad komplew, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, "id-difensuri tal-atturi jiddikjaraw li l-azzjoni hi purament waħda ta' ksur kontrattwali u li m'hemm l-ebda indikazzjoni fil-premessi u talbiet li biha wieħed jista' jifhem li l-azzjoni hi impustata b'xi mod taħt it-titolu [*recte*, l-artikolu] 469A" tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. Jekk seta' kien hemm xi ambigwità dwar jekk it-talba biex il-qorti tiddikjara illi "ma kien hemm ebda raġuni valida għat-tħassir" tal-ewwel riżultat, *i.e.* illi d-deċiżjoni amministrativa li jitħassar ir-riżultat kienet ħażina, tistax tiftehem bħala talba għall-istħarriġ ġudizzjarju dwar dik id-deċiżjoni, din l-ambigwità tneħħiet bid-dikjarazzjoni ċara illi "ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-premessi u talbiet li biha wieħed jista' jifhem li l-azzjoni hi impustata b'xi mod taħt l-artikolu 469A".

19. Billi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, l-azzjoni li messhom ħadu l-atturi kienet dik li jimpunjaw id-deċiżjoni amministrativa li jitħassar ir-riżultat

u mhux dik imsejsa fuq rabta kuntrattwali jew pre-kuntrattwali li ma teżistix, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' u huwa għalhekk miċħud.

20. L-aħħar aggravju tal-atturi jolqot dik il-parti tas-sentenza fejn jingħad illi l-aspettativa tal-atturi li jinħatru jekk jiġu minn ta' quddiem "kienet waħda prematura u indefinita billi hemm it-terminu tal-appell u r-riżultat tal-eżami ma hux garanzija tal-ħatra għax il-proċess u/jew ir-riżultat jista' jiġi attakkat u *di più* … il-*PSC* għandha dritt li twaqqaf u tħassar il-proċess għal raġunijiet li l-istess liġi ssemmi". Jistaqsu:

> »… … … meta l-atturi pposizzjonaw ruħhom fl-ewwel postijiet, liema postijiet kienu fil-limiti ta' kemm id-dipartiment ried jimla vakanzi, u kien assikurat, b'dak ir-riżultat, approvat ukoll mill-*PSC*, jista' qatt jingħad illi l-aspettattiva leġittima tagħhom kienet waħda prematura u indefinita?«

21. Tassew illi hemm ċirkostanzi fejn aspettativi leġittimi wkoll ikunu tutelati. Aspettativa, iżda, ma hijiex jedd miksub, u f'dan il-każ tallum l-atturi kellhom ikunu jafu illi għalkemm jiġu minn ta' quddiem mhux bilfors kellhom jedd illi jinħatru, mhux biss għar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq, iżda wkoll għax, kif ukoll qalet l-ewwel qorti, "ma hemm imniżżel ebda obbligu fuq il-Kummissarju tat-Taxxi li l-applikanti li jikklassifikaw tajjeb bilfors kienu ser jidħlu f'kuntratt mad-dipartiment".

22. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

23. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta’ nullità tas-sentenza, tiċħad ukoll l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm